# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-4 ta' Lulju, 2022

Avviz tat-Talba numru: 295/2020 CL

**Makaw Ltd C8250**

**VERSUS**

**Swell Developments Limited C87533**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-20 ta' Novembru, 2020 fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elfejn, tmien mija u tnejn u erbghin euro u hamsa u hamsin centezmu (€2,842.55), rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta fuq kera ta' scaffolding,wara li s-socjeta konvenuta kienet ingaggat lis-socjeta esponenti tinstalla scaffolding gewwa fond fejn kienet qieghda taghmel xoghol u dan a bazi ta' stima (Dok A) u kondizzjonijiet (Dok B). Minkejja diversi interpellanzi s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti u b'hekk kellha ssir il-kawza fejn qieghed jintalab ukoll l-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data tat-28 ta' Frar 2020, inkluz spejjez tal-ittra ufficjali numru 1904/2020 u mandat numru 1307/2020.

Ra r-risposta datat 17 ta' Dicembru 2020, fejn is-socjeta konvenuta qalet illi t-talbiet tas-socjeta attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress illi mhux minnu li ghandha thallas l-ammont mitlub ghax is-socjeta attrici kienet naqset li tesegwixxi l-obbligi taghha bil-konsegwenza li kkagunat danni lis-socjeta konvenuta.Illi minkejja li kienu saru tentattivi minghajr preguddizju, is-socjeta attrici irrifjutat dak propost u ghazlet li tipprocedi u ghalhekk kienu qeghdin jirriservaw illi jipprocedu huma stess kontra s-socjeta attrici fi proceduri separati.

Ra, l-affidavit ta' Andre Camilleriipprezentat fis-7 ta' April 2021 flimkien mad-dokumenti annessi. Hu jghid illi hu manager tas-socjeta attrici u kien gie avvicinat minn Patrick Grixti Soler f'isem Swell Developments Ltd sabiex jikri scaffolding u kien hareg quote li kien gie accetat skond e mail immarkat Dok 1 u gie iffirmat ftehiem mmarkat bhala Dok 2 sa Dok 4 u intbghat invoice mmarkat Dok 5. Makaw Ltd beda x-xoghol u nhareg engineer's certificates li intbghatu bl-e mail u saru diversi e mails fejn intalab li jithallas il-hlas stante li l-iscaffolding kien qieghed jinzamm gharmat. Wara ftit xhur il-

klijent beda jikkontesta l invoices u ried jaqta' xi hsarat ghall-iskart li thalla fuq il-bejt u allegat hsarat li skond hu kienu saru mill-haddiema tas-sojeta attrici,izda qatt ma kien sar ilment dwar dan qabel. Skond il-Conditions of Agreement (Dok 3) huwa kellu jinforma lis-socjeta attrici fi zmien 36 siegha minn meta jinduna bil-hsarat. L-ammont ta' €2842.55 kien ghadu dovut bhala bilanc minn somma akbar.

Ra l-affidavitipprezentat mill Patrick Grixti Soler , direttur ta' Swell Developments Ltd, li li ikkonferma li kien qabbad lil Makaw Ltd biex jarmaw scaffolding mal-appogg bejn blokka nru 40 u 41, f'Tigne Sea Front, Sliema. Hu kien ircieva quote minghand Makaw Ltd fl-20 ta' Ottubru 2019, li kien jammonta ghal €5,428 (Dok 1) li kienet irrevediet quote li kienet fl-ammont ta' €9.038 biex taqbel ma quote mahrug minn Matrix Scaffolding (Dok 3). Fil-gurnata meta Makaw Ltd marru bl-iscaffolding li kellhom jtellaw fuq il-bejt, Makaw Ltd ma kinitx hadet l-iscaffolding kollu u meta marru l-ghada biex jtellaw il-kumplament l-Owners Association ta' No 40, Tigne Seafront ma riditx thallihom jtellawhom minhabba l-iskumdita li inholoq. B'hekk l-iscaffolding kellu jsir f'zewg sezzjonijiet. Fid-29 ta' Ottubru 2019 ircieva certifikat tal-inginier li l-iscaffolding kien lest biex jintuza (Dok 4) u fid-29 ta' Novembru 2019 Makaw gie mitlub imexxi ghat-tieni sezzjoni u ghalhekk il-perjodu gie maqbuz b'gurnata. (Dok 5). Fl-4 ta' Dicembru 2019, ircieva certifikat tal-ingineer li l-iscaffolding kien lest biex tintuza (Dok 6). u fid-29 ta' Novembru 2019 Makaw gie mitlub biex jzarma l-iscaffolding qabel l-ahhar ta' Dicembru 2019. Sar installazzjoni fil-bitha interna li kien accetta li jhallas l-ammont ta' 1,180 skond ftehiem fis-6 ta' Jannar 2020(Dok 8) , ic-certifikat tal-inginer intbghat fit-13 ta' Jannar 2020 (Dok 9) u l-iscaffolding gie zzarmat fil-15 ta' Marzu 2020 u Makaw kienu qalu li ma kienux ser jzommulu tax-xahar ta' Marzu 2020. Hu naqas ukoll l-ammont ta' €400 minhabba d-debris li thalla fuq il-bejt u ghax sgassaw il-bieb tal-bejt.

Fil kontro ezami Andre Camilleri qal illi hu ma jiftakarx jekk kienx hareg quote u irrevedieh, imma jaf illi l-quote li kien gie maqbul, kien dak li kien ipprezenta mal-affidavit. Hu cahad illi delivery tal-iscaffolding kellu jsir f'darba u b'referenza ghal Dok 1 li tinsab a foll.29 li Swell Ltd kien talab sabiex l-equipment kollu kellu jittella', hu wiegeb illi fost il-kondizzjonijiet u Dok 4 li jinsab a foll. 34, kien hemm illi l-permessi kellu jiehu hsiebha l-klijent (hoisting of all materials) u ma kien hemm ebda ftehiem dwar kemm il-darba kellhom jsiru deliveries u kien qed jirriferi ghal materjal in relation to phase 1. Ma sarx delivery f'darba ghax il-konvenut kellu airspace fuq is-sit fejn kiem hemm problema mal-girien ghax ma kellux il-kunsens taghhom. Kien hemm ukoll ftehiem mal-Perit Grixti Soler li x-xogholijiet kellhom jinqasmu f'zewg fazi u hu kellu jiehu hsieb il-permessi tal-kunsill u tar-residenti. Dakinhar ha l-materjal kollu fuq it-truck u l-klijent stess waqfu milli jtella' kollox u mar lura b'parti mix-xoghol, ghax kienet inqalet kwistjoni mal-girien ghax ma kienux infurmati li kien ser jsir ix-xoghol u bezghu li s-saqaf ma felahx ghat-toqol tas-scaffolding. Hu ma ftakarx jekk marx l-ghada u ma ftakarx kemm il-darba mar bid-deliveries. Huma kienu hargu ittra ufficjali ghal pagament u l-Perit kien irrispponda. Fir-rezami hu qal illi qatt ma kien hemm xi claim minn Swell Ltd dwar xi hsarat jew xi invoice u l-kwistjoni qamet zmien sew wara li kien ilu li tlesta x-xoghol, meta beda jitlob l-hlas.B'referenza ghal foll 56 fejn l-Perit Grixti Soler qal illi kellu jhallas €108, qatt ma kien ircevihom u lanqas kien naqaslu xi ammont ghal granet addizzjonali f'Marzu. F'kaz illi kien hemm xi hsara skond klawsola 5 tal-kuntratt Swell Ltd kellhom javzawhom fi zmien 36 siegha.

Kontro ezami tal-Perit Grixti Soler fejn b'referenza ghal foll 66 intalab €150 ghal hsarat filwaqt illi a foll.56 intalab €400 dawn kienu minhabba t-toqob li kien hemm meta tnehha l-iscaffolding u ghalkemm it-tieni klawsola tal-kuntratt kien jghid illi l-anchor points kienu risponsabilita ta' Swell Ltd, hu wiegeb li dawk tal-hajt ma jistghux jintlahqu jekk jitnehha l-iscaffolding allura kellhom jsiru minnhom meta jaqalghu l-iscaffolding. Mistoqsi jindika fejn kien ceddilu il €525 li hu naqqas f'Dok 9 a foll.66, hu wiegeb li kien cedihom verbalment. Il-bieb tal-bejt kienu sgassaw hadiema tas-socjeta attrici meta darba minnhom sabuh maghluq u kellu jgib in-nies imma ma kienx ipprezenta ircevuta. Hu ma kienx rahom jisgassaw il-bieb imma ma kienx hemm kuntratturi ohra. Hu kien oggezzjona mill-ewwel li ma kienux hadu l-materjal kollu ghax kien jaf illi kien ha jerga' jehel l-ispejjes tal-krejn. Hu qatt ma resaq dan l-ilment waqt illi kien qed jsir x-xoghol u l-anqas permess ta' e mail izda kien tkellem verbalment. Fir-re ezami qal illi l-iscaffolding kellu jinqasam f'darbtejn ghax ma kellux trukkijiet u t-tieni darba l-association tat-terzi ma hallihomx jtellaw l-materjal. Kieku l-materjal ingib f'darba ma kintix tinqala' din il-problema. Ix-xoghol intrama' f'darbtejn. L-Iscaffolding kellu jintrama fuq is-saqaf tan-neighbours u il-kwistjoni inqalghat ghax ma kienx gie kollox f'darba.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidra;

Illi mix-xhieda jidher illi Is-socjeta konvenuta kienet iffirat kuntratt mas-socjeta attrici ghal kiri ta' scaffolding. L-iscaffolding sar izda meta intalab il-hlas s-socjeta konvenuta ilmentat illi kien hemm xi hsarat illi saru meta intrama l-isacffolding li ammontaw ghal €400. Ilmenta ukoll illi l-materjal ma ingibx kolliu f'darba u b'hekk kellu problemi mal-girien. Is-Socjeta attrici cahet dawn l-allegazzjnijiet u fil-fatt qatt ma kien sar xi ilment dwar xi hsarat qabel ma intalab il-hlas. u lanqas ma gew ipprezentati xi dokumenti li jsostnu it-talba ghad-danni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundana lil socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, tmiem mija u tnejn u erbghin euro u hamsa u hamsin centzmu €2842.55 , bl-interessi mit-28 ta' Frar 2020 sad-data tal-hals effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri,kif ukoll l-ispejjes tal-ittra uffcjali numru 1904/20 u tal-mandat bin-numru 1307/2020, huma a kariku tas-socjeta konvenuta. .

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**